KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 33

**It-Tlieta 30 ta' Settembru 2021**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Dott. Daniel John Attard – Sindku (onlajn)
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Marika Sammut Dimech – Kunsillier (onlajn)
Simon Paul Fenech – Kunsillier (wasal fis-5:45pm)
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 33.1 Qari tal-Apoloġiji

33.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta’ apoloġiji.

## 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 32

33.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

33.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 32 ġew approvati b’mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 33.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

33.3.1 Is-Sindku informa li fir-rigward Triq il-Kavallier Bonello, it-triq għadha magħluqa għat-traffiku u x-xogħol għadu mhux lest għal kollox. Aktar kmieni dakinhar stess, is-SE kienet infatti bagħtet kommunikazzjoni lil IM dwar ix-xogħlijiet pendenti. Dwar id-dawl, huwa qal li kien iddelega lill-Viċi Sindku biex jassigura li jerġgħu jitwaħħlu l-arbli. Huwa semma li minbarra l-arbli hemm pendenti wkoll il-kwistjoni taċ-ċint tan-naħa tal-bosk fejn il-Kunsill ġibed l-attenzjoni ħafna drabi li dan jista’ jkun ta’ periklu jekk jaqa’. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat kommunikazzjoni lill-Ministru Borg sabiex inneħħu r-responsabbiltà minn fuq spallejn il-Kunsill kemm-il darba dan il-ħajt jaqa’ u jkun hemm xi inċident.

33.3.2 Fuq xogħlijiet infrastrutturali oħra, is-Sindku informa li fil-każ ta’ Triq il-Konti Salv Manduca kien hemm avviż fuq il-gazzetta tal-gvern li jfisser li t-triq kienet waslet biex titwassa’. Huwa informa wkoll li min-naħa ta’ IM kellhom ukoll iwaħħlu *crash barriers* quddiem ir-razzett Tal-Palma minħabba periklu.

33.3.3 Is-Sindku informa li mill-aħħar seduta tal-Kunsill kienet inżammet laqgħa dwar l-art ta’ quddiem il-gym ma’ rappreżentanti tal-Ministeru, tad-Depiro u anke tal-Imtarfa FC. Huwa informa li meta ġie mgħarraf bil-laqgħa insista magħhom li jkun hemm il-preżenza ta’ rappreżentant tal-HA sabiex tiċċara l-kwistjoni tat-titolu tal-art ta’ quddiem il-gym. Waqt il-laqgħa huwa infurmahom li l-Kunsill kellu interess li jsir aċċess għal vettura ta’ emerġenza, li jiżdied il-parkeġġ u biex ikun hemm ukoll spazju miftuħ. Huwa spjega wkoll li l-Kunsill mhux interessat fit-titolu tal-art. Fl-aħħarnett spjega wkoll li hu kien saħaq li l-kunsill kien se joġġezzjona għal kwalunkwe żvilupp fiż-żona.

33.3.4 Is-Sindku informa li s-CEO tal-HA kien kiteb lill-Kunsill dwar il-kwistjoni tal-garaxxijiet ta’ Binja Qlejgħa. Huwa kien spjegalu li min-naħa tal-Kunsill għamilna x-xogħlijiet ta’ preparazzjoni kollha (BoQs, surveys, bore holes, perizja, eċċ) iżda li l-Kunsill ma kellux il-fondi biex jagħmel aktar minn hekk.

33.3.5 Is-Sindku informa li min-naħa tal-Ministeru kienu talbuna biex nipposponu d-data tad-devoluzzjoni tal-ġnien.

33.3.6 Huwa informa wkoll li l-varar tal-proġett tal-arloġġ kien ġie pospost ukoll minħabba li ma kienx hemm biżżejjed żmien biex jinġabu ċerta permessi mill-MA.

33.3.7 Sadanittant huwa informa li fir-rigward tal-pożizzjoni tiegħu, kien qed jistenna koordinazzjoni interna dwar it-transizzjoni u li suppost ikollu risposta dalwaqt.

## 33.4 Aġġudikazzjoni tal-offerta MTFLC/T/002/2021 (Re-issue) – Xiri ta' *Electric Van*

33.4.1 Is-SE infurmat li d-DLG ma kinux aċċettaw li l-offerta tiġi ppubblikata b'mod spedit u għalaqstant l-offerta kienet se tagħlaq nhar it-8 ta' Ottubru.

33.4.2 Infurmat ukoll li sadanittant kellha laqgħa ma' TM u dawn kienu rrakkomandaw li ssir talba għal estensjoni tad-data sabiex il-Kunsill ikun kopert li se jagħlaq il-proġett saż-żmien stipulat. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi estiża sal-aħħar ta' Marzu 2022 sabiex nassiguraw li l-vann ikun laħaq ġie *delivered*.

33.4.3 Hija infurmat ukoll li min-naħa ta' TM kienu għaddew is-somma ta' €10,000 bħala depożitu għax-xiri tal-van tall-komunità.

## 33.5 Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart (April – Ġunju 2021)

33.5.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart.

33.5.2 Hija infurmat li l-Kunsill kien għadu f'qagħda finanzjarja tajba u kellu indikatur finanzjarju ta' 16%. Il-Kunsill approva r-rapport u dan ġie ffirmat mis-Sindku u mis-SE.

33.5.3 Sadanittant, is-SE infurmat li kienet qed tfakkar lill-MA fir-rigward tat-talba tal-Kunsill sabiex jgħaddulna aktar fondi minħabba li l-proġett ġie jiswa bil-wisq aktar minn dak maħsub b'mod speċjali fid-dawl li minn meta ddaħħlet l-applikazzjoni sal-implimentazzjoni tal-proġett Malta kienet għaddiet minn splużżjoni ta' xogħol ta' kostruzzjoni li awtomatikament għolliet il-prezzijiet. Is-Sindku informa li kemm hu kif ukoll il-Viċi Sindku kienu qed jagħmlu l-almu tagħhom biex jagħmlu pressjoni biex il-Kunsill jingħata aktar fondi. Huwa qal li huwa imperattiv li l-proġett jitkompla għaliex huwa wieħed ambizzjuz, iżjed u iżjed fid-dawl li qed jiġi implimentat minn Kunsill żgħir, u ħaqqu kull għajnuna.

33.5.4 Is-SE infurmat li l-istoriku Vincent Zammit kien għaddielha kopja tal-iscript. Kien hemm qbil li jiġi diskuss u s-Sindku għandu jinforma lis-SE lil min għandha tikkuntattja min-naħa tal-Ministeru tat-Turiżmu sabiex jinbeda l-filmat għalih.

## 33.6 Trasferiment ta' *vacation leave* tal-impjegati

33.6.1 Is-SE infurmat li hi u l-iskrivani kien fadlilhom għadd ta' sigħat ta' *vacation leave* li xtaqu li jiġu trasferiti għas-sena ta' wara.

33.4.2 Hija infurmat li din is-sena kienet sena partikolari oħra fejn sal-ewwel 4 xhur l-uffiċċju kien qed jaħdem biss bi skrivana waħda u eventwalment bi tnejn. Hija infurmat ukoll li riċentament l-Uffiċjal Eżekuttiv kellu jagħmel ġimgħatejn kwarantina d-dar u għaldaqstant l-uffiċċju reġa' tilef ġimgħatejn oħra ċans biex jittieħed il-VL.

33.4.3 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jiġu trasferiti s-sigħat li ntalbu.

## 33.7 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

33.6.1 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li kienet saret il-*book launch*. Hija infurmat li mir-Reġjun kienu se jgħaddu numru ta' kotba lill-Kunsill.

33.6.2 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li l-Festival tal-Baned u Nar kien se jibda matul dik il-ġimgħa u kull min xtaq jattendi seta' jinforma lis-SE tar-Reġjun biex jipprovdilu trasport.

33.6.3 Hija infurmat li l-iStreet Sport Festival kien se jinżamm ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq.

33.6.4 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li nhar is-6 ta' Ottubru, is-Sinjura Michelle Muscat kienet se tmur l-uffiċċju tar-Reġjun Tramuntana b'konnessjoni ma' Pink October. Kulħadd kien mistieden jattendi. Wara se jkun hemm ukoll laqgħa dwar kif wieħed jużal-AED's.

33.6.5 Hawnhekk kien hemm qbil li l-Viċi Sindku kellu jagħti dimostrazzjoni ta' kif wieħed juża l-AED biex jintuża f'każ ta' emerġenza.

## 33.8 Punti Oħra

33.7.1 Is-Sindku informa li kien qed jantiċipa li jkun Malta lejn il-weekend tal-10 u l-11 ta' Diċembru.

33.7.2 Fuq talba tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li ssir bollard oranġjo tal-plastik bejn residenza u l-bankina fi Triq Gregorio Carafa.

33.7.3 Il-Kunsillier Fenech staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-kwistjoni ta' Triq il-Palma. Is-Sindku infurmah li per prinċipju l-kunsill ma jaqbilx u fil-fatt kienet iddaħlet oġġezzjoni. Fil-fatt kemm hu kif ukoll is-SE kienu attendew għal laqgħat li saru mal-PA. Kien hemm qbil li s-SE għandha ssaqsi lill-Perit jekk hemmx fuq x'hiex tidħol oġġezzjoni oħra.

33.7.4 Il-Kunsillier Fenech ġibed l-attenzjoni biex issir aktar pressjoni fuq il- kennies u fuq il-ġardinar.

33.7.5 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li għal din is-sena, bħala armar tal-Milied għandu jkun hemm fustun minn ħdejn taż-żebgħa sa Triq San David. Is-SE fakkret li l-baġit huwa biss ta' €3500 u minħabba li l-kuntratt issa skada kienet se tieħu ħsieb li ġġib 3

kwotazzjonijiet. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Mifsud tivverifika mar-Reġjun jekk kienx se jkun hemm xi donazzjoni min-naħa tagħhom.

33.7.6 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn xi xogħlijiet mill-ġardinar fi Triq is-27 ta' April.

33.7.7 Is-SE infurmat li kellha laqgħa mas-CEO tad-Depiro Basketball fejn għall-European Week of Sports dan kien talab kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali kif ukoll mal-Community Police sabiex jiġu organizzati xi attivitajiet. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

33.7.8 Sadanittant infurmat ukoll li dan kien offra li volontarjament id-Depiro jidħlu fi ftehim mal-Kunsill sabiex jibdew jagħlqu l-bosk tal-Imtarfa flgħaxija u għaldaqstant dan kien seta' jerġa' jinfetaħ lura għall-pubbliku. Hija infurmat li huma ma kienux qed jitolbu ebda remunerazzjoni imma biss koperazzjoni għal aktar attivitajiet flimkien. Il-Kunsill qabel.

33.7.9 Is-SE infurmat li kienu twaħħlu l-ħames strutturi tal-*outdoor gym* fi Ġnien is-Sinjura u matul il-ġimgħa d-dieħla kien se jiġi mpoġġi wkoll il-*liquid rubber* taħthom sabiex ikun hemm aktar sigurtà f'każ ta' xi waqgħa. Il-Kunsill qabel li s-SE għandha ġġib xi kwotazzjonijiet biex titwaħħal *camera* minħabba xi atti vandali li jista' jkun hemm.

33.7.10 Is-SE infurmat li d-DLG kien informa li kienet instabet proċedura fejn se jibda jsir *offsetting* tal-ispejjeż relatati mal-Wasteserv (Ċirkulari Nru. 8/2021).

33.7.11 Sadanittant infurmat li l-Kunsill kien irċieva ċirkulari u *email* mingħand il-GreenMT fejn dawn kienu spjegew id-diffikultajiet finanzjarji li kienu qed jintalbu biex jidħlu għalihom minħabba li l-iskart differenzjat ma kienx qed jintagħżel tajjeb mir-residenti. Għaldaqstant huma diġà kienu bagħtu fattura ta' 'l fuq minn elf ewro biex il-Kunsill Lokali jagħmel tajjeb għal dan. Min-naħa tal-Kunsill laqa' r-rakkomandazzjoni tad-DLG li l-Kunsill m'għandu l-ebda obbligu li jħallas għal dan l-iskart u li l-Iskema trid timxi mal-obbligi kuntrattwali tagħha.

33.7.12 Is-SE infurmat li x-xahar id-dieħel kien jiskadi l-kuntratt tal-*Projects Co-Ordinator* tal-proġett tal-arloġġ u l-Visitors Centre. Għaldaqstant talbet biex il-Kunsill japprova estensjoni sal-aħħar ta' Ġunju 2022. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u talab lis-SE sabiex tmexxi bl-estensjoni.

33.7.8 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kommunikazzjoni dwar Ċir AKL 2021/097 Sessjoni Informattiva - Working towards safer communities. Hija qalet li kien importanti li jkun hemm il-preżenza ta' xi kunsillier f'dawn it-tip ta' laqgħat.

33.7.9 Is-SE infurmat li l-kuntratt tal-iskart kien se jiskadi f'Jannar 2022. Fid-dawl li d-diskussjonijiet li għaddejja fuq bazi nazzjonali huma sabiex il-kuntratti jinħarġu fuq bażi reġjonali ma' Malta kollha, kienet se titlob aktar direzzjoni min-naħa tad-Dipartiment. Il-Kunsill qabel li għandha wkoll tara magħhom jekk hux possibbli li l-Kunsill jestendi l-kuntratt preżenti sakemm ikun hemm xi forma ta' pass 'il quddiem min-naħa tal-Gvern Ċentrali.

## 33.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

33.8.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 9/2021), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Vici Sindku ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 33.9 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

33.9.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8:10pm u ġiet aġġornata għat-28 ta’ Ottubru fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-**Ħamis 28 ta’ Ottubru** 2021.

| | |
|---|---|
| Dr Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |